*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 24*

***5.30p.m 06 ta' Jannar 2021***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *24.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

24.1.1 Is-Sindku is-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ma setgħax jattendi l-laqgħa minħabba raġunijiet personali.

## *24.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

24.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 23. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

24.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li matul il-xahar ta' Diċembru l-Kunsilli Lokali ġew infurmati dwar tibdil fil-liġi li min issa l-quddiem il-laqgħat statutorji tal-Kunsill kif ukoll il-laqgħat pubbliċi jistgħu jsiru online, mingħajr l-Membri jiltaqgħu fiżikament fil-bini tal-Kunsill Lokali u liema laqgħa tkun trasmessa online għall-benefiċċju tal-pubbliku. Huwa spjega ukoll li dan jistgħa jsir jekk kemm il-darba l-maġġorranza tal-Membri preżenti jixtiequ jiltaqgħu online. Is-Sindku talab lil dawk preżenti jekk jixtiequx jibqgħu jiltaqgħu bil-bini tal-Kunsill Lokali jew online. L-Kunsilliera preżenti qablu li l-laqgħat sakemm tgħaddi il-pandemija tal-Covid-19 għandhom jsiru online biex tiġi mħarsa s-saħħa tal-Membri kollha. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat u l-vot favur kien unanimu.

## *24.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

24.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li għadha qed tippersisti l-istess problema fid-dar abbandunata li hemm fil-kantuniera ta' Triq Zerafa ma Triq is-Ssma. Trinita' minkejja l-fatt li l-Kunsill bgħat emails jinforma lis-Supratendent u l-Ispettur tal-lokal dwar l-abbuż tad-droga. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser ikun qed jkellem lill-Pulizija sabiex il-Kunsill ikun jaf eżattament fiex wasal dan il-każ.

24.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li filwaqt li d-dawl tal-Milied fit-toroq tal-lokal kien wieħed tajjeb, ma setgħax ma jikkummentax li l-d-dawl ma kienx movimentat. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li din hija kwistjoni ta' gosti u madankollu nistgħu nitkellmu mall-kuntrattur u nkomplu ntejbu s-servizz u aktar il-quddiem niddiskutu dawn id-dettalji meta toħroġ kwotazzjoni ġdida jew tender ġdid fix-xhur li ġejjin.

## *24.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

24.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 01/2021 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti..

## *24.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

24.6.1. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-kumpanija C&F Contractors bgħatet ittra bl-avukat sabiex fi żmien xahar titħallas is-somma ta' €24,651.55. Il-Kunsill naturalment mhuwiex kommess li jagħti dan il-ħlas kif mitlub u għaldaqstant l-avukat tal-Kunsill ser ikun qed jwieġeb dan li ġie miftiehem f'seduta preċedenti fejn il-kuntrattur ser jitnaqsulu €8,000 mill-prezz mitlub li dan jammont għall-madwar €16,000 u mhux kif kien ġie irrapurtat fis-seduta ta' madwar €14,000. Dan għaliex kien hemm pagament li ġie mnaqqas bi żball li kien jinkludi id-dwal. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li l-kuntrattur kien infurmat li dan il-pagament kien qiegħed jinżamm bħala retention fee, u qal li tajjeb ukoll jekk il-kuntrattur jintalab jekk jitħallasx l-ammont kollu jekk kemm-il darba jsewwi l-ħsara li għamel. Dan hekk kif il-Kunsill ser tiġiħ ferm aktar għolja jekk ikollu jqabbad lil kuntrattur ieħor biex issewwi l-ħsara. Wara li ħadd mill-Membri preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

24.6.2. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina qed jitolbu sabiex isiru tmien toqob għall-arbli tal-festa fir-roundabout ta' taħt il-flyover fejn qed jiġi rranġat min Infrastructure Malta. Barra min hekk qed jitolbu wkoll li sabiex fix-xhur li ġejjin isiru t-toqob ġodda li kienu prezenti qabel ma saret Triq Isouard ma Triq Qormi. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

24.6.3. Is-Sindku s-Sur Joseph Azzopardi qal li din is-sena l-attivitajiet tal-karnival ma jistgħux jissoktaw bħas-soltu. Madankollu, l-Kunsill irċieva kwotazzjoni mill-kumpanija tas-sfin Guggen Band li qed toffri attrazzjoni gdida u differenti tal-karnival permezz ta' Vintage Bus tas-sena 1928 li ser tkun armata propju għall-okkazzjoni b'mużika u kostumi. Il-prezzijiet ikunu jinkludu kollox, u huma mifrudin bil-prezz kif ġejjin; għal sagħtejn €2000, tlett sigħat għall-€3,000 jew ħames sigħat għall-prezz ta' €4,800. Diversi membri kkumentaw li l-prezz huwa wieħed għoli u l-Kunsillier is-Sur Francis Debono rrimarka li huwa importanti li l-Kunsill ma jaqbis l-ammont ta' direct order minħabba l-liġijiet relatati mall-akkwist. Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Edward Spiteri Audibert qal li dan huwa minnu. Madankollu, hemm żewġ eċċezzjonijiet rari bħal meta s-serviżż offrut ikun uniku u jistgħa jiġi offrut min kuntrattur wieħed biss. Is-Sindku rrimarka li f'dan il-kaz partikolari veru li s-servizz offrut huwa wieħed uniku u addattat għal dawn iż-żminijiet partikolari. Wara diskussjoni, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda u l-vot favur din l-attivita' ta' ħames sigħat kien wieħed unanimu.

24.6.4. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħareġ l-iskema għas-sitt sena' konsekkuttiva dwar restawr ta' postijiet u monumenti storiċi. Is-Sindku qal li x-xewqa tiegħu tkun li tiġi rrestawrata l-kappella ta' Ċejlu li għalkemm hija waħda privata l-iskema xorta tagħti lok li jkun hemm public private partnership. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li ikun importanti li l-binja tiġi skedata u l-propretarji jridu jaqblu li l-binja tinfetaħ. Is-Sindku qal li effettivament fil-festa tal-Grazzja din tista ssir festa zgħira għall-okkazzjoni. Wara diskussjoni ġie miftiehem li l-Kunsill ser japplika biex tiġi rrestawrata l-Kappella ta' Ċejlu. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

24.6.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma l-Kunsill li l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart ħa żball fl-ammont ta' flus li talab il-Kunsill u l-ammont ta' madwar €180 mhuwiex il-prezz ta' xahar sħiħ għall-kollezzjoni , iżda għall-kull kollezzjoni extra li ssir darba kull gimgħa. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li l-iskip ta' ħdejn l-iskola kienet mimlija, kif ukoll dik ta' quddiem Paul an d Rocco. Is-Sindku rrimarka li llum stess talab lill-Waste Collection (li huwa l-kuntrattur li għandhu l-iskip ta' quddiem Paul and Rocco) biex jew iżommu l-iskip nadifa jew titneħħa min hemm. Wara li ħadd mill-Membri ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *24.7 Jum il-Marsa - Nominazzjonijiet*

24.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fid-dawl tal-pandemija jħoss li għal din is-sena n-nominazzjonijiet u l-attivita' kollha għal Jum il-Marsa għandha tinqabeż kompletament, li ma jmurx ikun hemm każ ta' Covid li fiħ jissemma l-Kunsill Lokali. Madankollu l-kunsill ser joħroġ filmat dwar l-istorja tal-lokal (niċċeċ fil-Marsa).

24.7.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li jixtieq jressaq nominazzjoni ta' Ġieħ il-Marsa lil żewġ persuni, s-Sur Ciappara u s-Sur Freddy Calleja li kienu l-ewwel bandisti tal-lokal. Huwa ssuġġerrixxa wkoll li għall-laqgħa li jmiss ikun hemm profil tal-persuni li ġew innomminati matul is-sena 2020. Is-Sindku qal li fl-laqgħa oħra din it-tema ser tkun qed terġa titla bid-dettalji tan-nominazzjonijiet.

## *24.8 Traffic Management fi Triq Sawra u Triq Azzopardi*

23.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq fuq il-mejda tal-kamra proposti sabiex tiġi indirizzata l-problema tal-immaniġjar tat-toroq fl-awkata ta' Triq Sawra u Triq Azzopardi. Wara diskussjoni bejn dawk preżenti ġie miftiehem li;




Minn Triq il-Marsa ma tistax tidħol lejn Triq Saura.
Minn Triq il-Karmnu tista' tinżel lejn Triq Saura u ddur lejn Triq il-Marsa.
Minn Triq il-Karmnu tista' tinżel lejn Triq Saura u lejn Triq il-Kunċizzjoni u toħroġ fi Triq Isouard pero' ma tistax titla' fi Triq il-Kunċizzjoni biex toħroġ minn Triq Isouard.
Minn Triq Isouard ma tistax tidħol lejn Triq il-Kunċiżżjoni.




Minn Triq il-Marsa ddur lejn Triq Azzopardi.
Minn Triq Azzopardi tista' ddur lejn Triq il-Kungress Marjan (kif diġa qedgħa).
Jew tibqa' tiela' 'l fuq (kif diġa qedgħa).

Minn Triq San Mikiel tista' BISS titla' 'l fuq lejn il-kunvent iżda ma tistax tinżel lejn Triq il-Kungress Marjan.

B'hekk Triq Azzopardi tiġi biss direzzjoni waħda fit-telgħa.

Għalhekk jekk ningħataw il-permess minn Transport Malta jridu jsiru tabelli tal-One Way biex minn Triq San Mikiel wieħed ma jistax jinżel 'l isfel fi Triq Azzopardi.

Minn Triq Assunta tista' toħroġ lejn Triq Isouard kif inhi llum. Hawn hekk ukoll iridu jsiru tabelli tal-One Way biex karozzi min-naħa ta' fuq ma jkunux jistgħu jibqgħu neżlin 'l isfel fi Triq Azzopardi.

Wara li ħadd mill-Membri ma kellu aktar mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *24.9 Skema tal-Iskart – Smart Solutions*

24.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li d-Direttorat għall-Gvern Lokali qed joħroġ espressjoni t'interess għall-immaniġjar tal-iskart billi tintuża teknoloġija moderna għal dan il-għan, u liema finanzjament jammont għal total ta' €900,000. Il-Kunsill Lokali tal-Marsa bħalma ġie diskuss f'seduta preċedenti jistgħa japplika għal '*underground waste containers'* fuq il-mudell li ġie nstallat fil-lokalita' ta' San Gwann. Madankollu, s-Sindku xtaq iżid magħhom li jsiru smart bins bil-pannelli fil-post ta' bins eżistenti. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li f'ċertu postijiet huwa diffiċli li

jsiru bins minħabba n-nuqqas ta' spazju fil-bankini, iżda f'postijiet bħal per eżempju fi Triq Feliċjan Bilocca dawn jista' jsir. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu mistoqsijiet oħra l-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *24.10 Espressjoni ta' Interess – Belt jew Raħal Kulurali 2022*

24.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Direttorat tal-Gvern Lokali ħareġ espressjoni ta' interess bit-titlu 'Belt jew Raħal Kulturali 2022' fejn il-lokalita' li terbaħ tkun tista' twettaq programm t'attivitajiet matul is-sena kollha, b'minimu t'attivita' kull xahar u b'massimu ta' fondi allokati ta' €200,000. Wara diskussjoni ġie miftiehem li l-Kunsill għandhu jqabbad organiser permezz t'espressjoni t-interess fil-ġurnali lokali sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħmel din l-applikazzjoni. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li permezz ta' dawn l-attivitajiet, il-Kunsill jista' fit-tul jagħmel '*Heritage Trail'* bil-għan li l-effett ta' dawn l-ativitajiet jibqa' jkollu effett fuq is-snin ta' wara. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *24.11 Performance Appraisal Segretarju Eżekkutiv.*

24.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq il-*performance appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Edward Spiteri Audibert. Wara diskussjoni li saret bejn il-membri preżenti, s-Sindku ppropona li s-Segretarju Eżekutiv jingħata l-massimu tal-performance bonus li huwa ta' 10%. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *24.12 Evalwazzjoni ERA dwar il-korsa tal-Marsa*

24.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-ERA qed tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar il-proġett tal-korsa tal-Marsa fejn fost affarijiet oħra ser jinbeda proġett li fiħ diversi sulari u parżeġġ estensiv. Is-Sindku qal li jixtieq ikun ċar li huwa mhuwiex kontra proġett interessanti bħal dan li ser ikun qed jgħin għar-riġenerazzjoni tal-Marsa. Madankollu, huwa importanti li l-Kunsill jagħmel l-evalwazzjoni tiegħu hekk kif ser ikun hemm żieda fl-ammont ta' karozzi fil-madwar u għandhu informazzjoni li d-demel ser ikun qed jinħaraq permezz ta' inċineratur ġdid fil-post. Jekk dan huwa verament il-każ hemm bżonn l-Kunsill irid isemma leħnu waqt din l-evalwazzjoni permezz tal-perit. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssuġġerixxa li jkun hemm żewġ lanes għall-karozzi, filwaqt li l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li tista' titħaddem il-one way system fejn ma jkollokx bżonn li żżid il-lanes. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li ż-żieda fil-karozzi ser tkun waħda awtomatika jekk ser jiżdied l-izvilupp u jista' jiġi kkunsidrat park and ride fil-viċinanzi u jkun hemm spazju għall-karrijiet taż-żwiemel. Is-Sindku temm jgħid li hemm bżonn li fil-parking il-ġdid għandu jkun hemm parkeġġ għar-residenti għaż-żona tal-korsa, kif ukoll li jkun hemm spazju għall-għarfien storiku u kulturali tal-akwata. B'hekk hemm qbil li l-Kunsill ikun preżenti għal din l-evalwazzjonji. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *24.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

24.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.45pm u ġiet aġġornata għad-9 ta’ Frar fit-5.30pm online kif kien miftiehem fis-seduta ta’ qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv